**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 97/14 AL

**A B**

**-vs-**

**C B**
**(K.I. Nru. 625181M)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-Tlieta u ghoxrin ta' Gunju elfejn u sebgha (23/06/2007) kif jixhed ic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. "A";

Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, M B, nhar is-sitta u ghoxrin ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (26/07/2010), li llum ghandu tlett (3) snin;

Illi minkejja diversi tentattivi da parte tar-rikorrent, anke sabiex il-partijiet jirrikorru ghal ghajnuna professjonali, z-zwieg bejn il-kontendenti sfaxxa u tkisser irrimedjabbilment, u dan a kagun ta' problemi mentali li l-intimata ilha ssofri minnhom ghal dawn l-ahhar snin;

Illi l-hajja mizzewga tal-partijiet dejjem kienet wahda difficli, u l-attrici qatt ma hadet hsieb illi tghix il-hajja mizzewga u dik ta’ omm responsabbli kif kien id-dmir taghha u dan kif ser jigi pruvat ampjament fil-mori tal-kawza;

Illi dawn l-ahhar xhur, l-intimata bdiet tghid lir-rikorrent illi ma tistax ghalih aktar u fis-sajf tas-sena elfejn u tlettax (2013) infurmatu illi riedet is-separazzjoni personali;

Illi kien hemm ukoll suggeriment da parti tar-rikorrent tramite l-avukati patrocinanti tieghu sottofirmati illi l-partijiet jirrikorru ghal ghajnuna ghand *family therapist* biex jippruvaw jissuperaw il-problemi matrimonjali taghhom, izda l-intimata ma taghtx widen ghal dawn is-suggerimenti;

Illi minkejja illi kien hemm proceduri ta’ medjazzjoni sabiex tintlahaq separazzjoni bonarja, dawn ma tawx frott stante l-intransingenza tal-intimata;

Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta dan ir-rikors permezz ta’ digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) datat sebgha (7) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbatax (2014) ai termini tal-Avviz Legali 397 tal-2003, u liema digriet jinsab anness u mmarkat bhala Dokument “B”;

Illi s-sitwazzjoni fid-dar matrimonjali saret intollerabbli, u ghalhekk ir-rikorrent kellu jintavola dawn il-proceduri;

Illi t-traskuragni u nuqqas ta’ responsabbilta` tal-intimata kienu tant illi kienu qieghdin ipoggu lill-minuri M f’periklu, u ghaldaqstant ir-rikorrent kien ipprezenta rikors nhar il-ghaxra (10) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn *pendente lite*, din il-Qorti, permezz tad-digriet taghha datat hmistax (15) ta’ Novembru elfejn u tlettax (2013) (ara Dok. “C” anness) fdat il-kura u l-kustodja tal-minuri esklussivament f’idejn ir-rikorrent u ordnat illi l-minuri jirrisjedi primarjament mar-rikorrent, kif fil-fatt qieghed jaghmel fir-residenza tan-nanniet paterni flimkien ma’ missieru, r-rikorrent. Dan id-digriet gie kkonfermat permezz ta’ digriet iehor datat wiehed u ghoxrin (21) ta’ Jannar elfejn u erbatax (2014) (Ara Dok. “D” anness);

Illi fl-istess digriet, din il-Qorti ghazlet illi tirriserva li tipprovdi dwar l-access tal-intimata versu binha M, wara rikors illi kellha taghmel hi ghal din il-fini;

Illi ghalkemm ghaddew izjed minn sitt (6) xhur, izda l-intimata baqghet qatt ma ghamlet dan. Huwa r-rikorrent, bl-ghazla tieghu, illi f’medja ta’ tlett (3) darbiet fil-gimgha jaghzel illi jiehu lill-minuri fid-dar matrimonjali

sabiex iqatta ftit tal-hin ma ommu, l-intimata, taht is-supervizzjoni tieghu, stante illi l-intimata ma tistax tigi fdata tiehu hsieb lill-minuri wahedha, kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza;

Illi anke waqt il-hinijiet, illi jinghad illi jkunu mifthemin minn qabel, illi r-rikorrent jiehu lill-minuri fir-residenza tal-omm, l-intimata ghall-access, hija ma tiehu l-ebda interess fih u jkun biss ir-rikorrent illi jkompli jiehu hsiebu u jilghab mieghu, stante illi l-intimata dejjem issib affarijiet ohra x'taghmel minflok tqatta ftit hin ma binha.;

Illi jinghad illi prezentement, huwa r-rikorrent ukoll illi wahdu jiehu hsieb l-bzonnijiet materjali tal-minuri stante illi l-intimata ma tikkontribwixxi xejn lejn l-istess spejjez;

Illi r-rikorrent jaf b'dawn il-fatti personalment;

Talab ghar-ragunijiet surriferiti li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara terminata l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet b'effett immedjat;
2. Tiddikjara illi r-regim matrimonjali illi ghandu japplika bejn il-partijiet sakemm tigi konkluza l-kawza ta' separazzjoni *de quo* huwa s-separazzjoni tal-assi;
3. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-intimata kif fuq inghad u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba n-nuqqas tal-intimata illi tassumi r-responsabbilitajiet ta' mara mizzewga u omm u sussidjarjament minhabba inkompattibbilita ta' karattru u ghal finijiet tal-artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess intimata ghandha tkun ikkunsidrata li minnha hija kienet hatja tal-firda;
4. Tawtorizza lir-rikorrent jghix separatament mill-intimata;
5. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri M B f'idejn ir-rikorrent;
6. Tordna illi l-minuri jghix primarjament mar-rikorrent bi dritt ta' access taht supervizjoni favur l-intimata, liema access m'ghandux jinkludi sleepovers, u dan fl-ahjar interess tal-minuri kif ser jigi ampjament ppruvat fil-mori tal-kawza;
7. Tordna lill-intimata sabiex thallas retta alimentarja ghall-minuri M B inkluz inkrementazzjoni perjodika sabiex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, flimkien ma' nofs l-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni stroardinarji u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri, b'dawn il-modalitajiet kollha li din il-Qorti thoss xierqa u opportuni, inkluz

permezz ta' standing order li l-intimata ghandha tigi ordnata taghmel a favur ir-rikorrent;

8. Tiddikjara illi l-intimata iddekadiet mid-dritt illi titlob jew tottjeni l-hlas ta' manteniment ghaliha nnifisha minghand ir-rikorrent u tiddikjara illi l-ebda manteniment m'hu dovut mir-rikorrent lill-intimata ghaliha nnifisha;
9. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet, mhux necessarjament ugwali, illi jigu assenjati wahda lir-rikorrent u l-ohra lill-intimata, wara li tikkunsidra illi l-intimata ghandha tigi kkunsidrata hatja tal-firda;

10. Tiddikjara illi l-fond bl-indirizz Flat 6, Piccadilli Court, Triq Censu Tanti, San Pawl Il-Bahar, m'ghandux jibqa aktar jitqies bhala l-fond matrimonjali tal-partijiet;

11. Tordna lill-intimata sabiex tikkonsenja lir-rikorrent l-beni kollha dotati u parafernali tieghu u dan fi zmien qasir, perentorju u separatament tordna illi r-rikorrenti jigi moghti l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu. Fin-nuqqas, l-intimata ghandha tigi kkundannata thallas lir-rikorrent l-valur ta' din il-proprjeta hekk kif jigu likwidati okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi;

12. Tapplika kontra l-intimata interament jew in parti, d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-intimata illi min issa hija ngunta in subizzjoni.

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat is-sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti nhar it-28 ta' Jannar 2016[1] illi permezz tagħha il-Qorti ordnat l-isfilz tar-risposta ġuramentata tal-konvenuta stante li din ġiet ippreżentata wara t-terminu ta' għoxrin jum impost mill-Artikolu 185(1) tal-Kodiċi Ċivili[2]. Il-Qorti ddikjarat illi l-kontumaċja tal-konvenuta ma kinitx ġustifikata.

Rat l-affidavits kollha ppreżentati u d-dokumenti esebiti, inkluż ir-ritratti.

---

[1] Fol. 119

[2] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat il-verbali tas-seduti kollha miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, kif ukoll id-dokumenti hemmhekk esebiti.

Rat ir-Rapport tal-Avukat tat-Tfal u wkoll ir-rapport tal-Ħaddiema Soċjali Charmaine Zerafa fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ.

Rat ukoll in-nota tal-attur ippreżentata nhar is-27 t'April 2017[3], illi permezz tagħha huwa ċeda l-ewwel, it-tieni, id-disgħa u l-ħdax-il talba tiegħu u dana wara li l-partijiet laħqu qbil dwar l-aspett patrimonjali tas-separazzjoni tagħhom u resqu għal kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca B tat-13 ta' Frar 2017.

Illi għaldaqstant jifdal biss għall-konsiderazzjoni tal-Qorti it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba', it-tmien, l-għaxar u t-tnax-il talba u cioe:

1. tiddikjara li inkwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimata minħabba ħtijiet imputabbli lilha li naqset li tassumi r-responsabilitajiet ta' mara miżżewġa u omm; u sussidjarjament minħabba inkompatibilita` ta' karattru bejn il-partijiet;
2. Tordna li l-kura u kustodja tat-tifel minuri M tkun fdata f'idejh, bi dritt ta' aċċess taħt superviżjoni versu l-intimata;
3. Tikkundanna lill-intimata sabiex tħallas manteniment għal binhom minuri, flimkien ma' nofs l-ispejjeż tas-saħħa u l-edukazzjoni;
4. Tapplika kontra l-konvenuta d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili; inkluż illi tiddikjara li l-intimata ddekadiet mid-dritt li titlob u/jew tirċievi manteiment mingħand l-esponenti;
5. Tiddikjara illi l-fond bl-indirizz Flat 6, Piccadilli Court, Triq Ċensu Tanti, San Pawl il-Baħar, m'għandux jibqa' iktar jitqies bħala l-fond matrimonjali tal-partijiet;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

### 1. Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

[3] Fol. 268

Illi l-partijiet iżżewġu fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Lija nhar it-23 ta' Ġunju 2007[4].

L-attur jallega illi l-konvenuta qatt ma ħadet ħsieb li tgħix il-ħajja miżżewġa u dik ta' omm responsabbli, u dana anke kaġun tal-problemi mentali li ilha tbati minnhom għal ħafna snin. Fis-sajf 2013, l-intimata nfurmat verbalment lill-attur li hija riedet is-separazzjoni. F'dan iż-żmien, hija bdiet tgħid lill-attur li ma kinitx tista' għalih. Għamlet numru ta' tattoos ma ġisimha għax "*now its time to enjoy life".* Bdiet toħroġ filgħaxija u tidħol fis-sigħat bikrin ta' filgħodu mingħajr ma' taħseb f'binha. Hija rrifjutat il-proposta tal-attur illi jirrikorri għall-għajnuna professjonali ta' *family therapist*.[5]

Fl-affidavit tiegħu[6], l-**attur** spjega kif sa mill-għerusija l-intimata kienet tieħu l-kura psikjatrika u hu kien ben konsapevoli ta' dan stante li kien jassistiha għand il-psikjatri kuranti, tagħha inizjalment Dr. Saliba u sussegwentement Dr. Ethel Felice.

Spjega illi fejn jidħol l-arredament tal-appartament li kienu xtraw il-partijiet, C kienet tkun trid tagħmel dak li trid hi biss, u hu kien joqgħod għal li trid hi sabiex iżomm il-paċi. Ma kinitx disposta li tmur tirrisjedi f'dan l-appartament jekk ma jkunx arredat sewwa, sabiex ma tħossx id-differenza mid-dar tal-ġenituri tagħha.

Spjega wkoll illi l-ambjent fid-dar tal-ġenituri tal-intimata ma kienx jogħġbu għax kien ikkaratterizzat minn dagħa, storbju u għajjat u kien ferm differenti mill-ambjent fejn trabba hu. Sikwit missier C kien ikun irrabjat minħabba l-ispejjeż kontinwi li kienet toħloq martu u kien jitlaq 'il barra, jidgħi u jsabbat il-bieb u jgħid *"Jien miġnuna għandi mhux mara."*

Jixhed illi sa minn qabel iż-żwieġ, il-konvenuta kienet taqta' qalbha li ma jirnexxiliex issajjar, jew li ma tidrax il-ħajja miżżewġa u kienet taqta' qalbha minn kollox. Għalhekk il-qadi relatati mal-post u mat-tieġ kienu jsiru minnu, li kien jinkoraġġiha ma taqtax qalbha.

L-attur xehed illi qabel ma resqu għaż-żwieġ, Dr. Ethel Felice, il-psikjatra kuranti tagħha, kienet kellmet lill-intimata u spjegatilha għalxiex kienet dieħla u spjegatilha li ħajjitha ser tinbidel xi ftit wara ż-żwieġ stante r-responsabilita` li kienet ser tassumi. Hija kkonfermat li C kienet qed

[4] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv fol. 6
[5] Nota ġuramentata tal-attur fol. 28
[6] Fol. 45

tifhem id-deċiżjoni li kienet ser tieħu. *"In my opinion she is mentally capable to understand and assume the responsibility if marriage."*[7]

Fiż-żwieġ, kienet ta' spiss tilmenta dwar xi ħaġa fid-dar minkejja li kellhom kollox ġdid. Fit-tqala, qabdet ċertu fissazzjonijiet fosthom illi tibża' li ser taqa' d-dar fuqha, li jkollhom jeħdulha d-demm, li titqawwa bit-tqala. Wara t-twelid tat-tarbija, il-koppja reġgħet għaddiet minn żmien turbolenti stante li l-intimata sfortunatament inħakmet minn *post-natal depression*. Inoltre il-konvenuta kienet tiffissa li trid xi ħaġa u ma kinitx tibdel fehmitha malajr, bħal li trid tibdel il-karozza, li tbiddel l-għamara kollha tad-dar, li tbiddel ix-sheers tal-purtieri u t-twapet, li tneħħi l-fireplace u l-wallunit, li tmur għand homeopath minflok psikjatra, li ddaħħal qattus, li titgħallem l-Ingliż. Fil-fatt, meta l-konvenuta nformat lill-attur li riedet tissepara, dan għall-ewwel ħaseb li kienet xi fissazzjoni oħra tagħha. L-attur kien qed iħoss li qed tagħmillu ħajtu nfern u bħala konsegwenza beda jbati minn *Severe Irritable Bowel Syndrome*.[8]

Xehed kif il-minuri ma kienx il-prijorita` ta' martu. Ma kinitx tlesti ikel jew tagħmel tindif fid-dar. Kien isibha jew rieqda jew fuq is-sufan tara s-*soap operas*. Twaħħal kollox fih: li ma tafx tmur tixtri l-bżonnijiet ta' kuljum, li ma tafx titkellem bl-Ingliż, li ma tafx tqum kmieni...

Meta bdew imorru flimkien għand il-psikoloġista Ms. C Mercieca, kienet ikkonkludiet illi l-konvenuta kellha f'moħħha wisq l-affarijiet materjali, minflok li tieħu ħsieb il-familja u li ma kienx qed jirnexxielha toħroġ mill-'bejta tagħha' għalkemm issa kellha 'bejta ġdida'. Il-psikologa kienet tatha diversi eżerċizzi x'tagħmel bħal tmur tixtri mat-tifel, tieħdu jaqta' xagħaru u tieħdu sal-bandli, affarijiet li kienet taqta' qalbha tagħmel.

Meta talbitu s-separazzjoni, lill-attur qaltlu li l-psikoloġista kienet qaltilha li s-separazzjoni ma kinitx is-soluzzjoni għall-problemi tagħha, iżda hi xorta waħda riedet tissepara. Donnha iżjed tilfet il-kontroll għax bdiet tibqa' barra sas-sigħat bikrin ta' filgħodu.

Missier l-attur, **R B**[9], jixhed kif fit-tieġ tal-partijiet kien qiegħed jitkellem ma' xi qraba tal-konvenuta, u x-xhud kien awgura li l-partijiet jkollhom ħajja feliċi flimkien għal dejjem. Ħu l-konvenuta, Chris, kien qal *"Għal dejjem? Minn A jien ċert pero minn oħti żgur li le."* Huwa xehed kif fid-dar tal-partijiet, il-konvenuta kienet sikwit tibdel diversi oġġetti minkejja li kienu għadhom ġodda fosthom il-purtieri u t-twapet. Żied illi ibnu oltre li

[7] Ċertifikat iddatat is-7 t'April 2007, fol. 58
[8] Ċertifikat mediku redatt minn Dr. Anthony Zammit u ddatat l-24 ta' Settembru 2013, fol. 62a
[9] Affidavit tiegħu esebit fol. 169

kien ilaħħaq ma' impjieg fiss u ieħor *part-time*, kien ilaħħaq ukoll mal-faċendi, imur jixtri, isajjar u jieħu ħsieb il-kontijiet u dan għaliex C kienet tkun barra jew rieqda. Meta twieled M, il-partijiet għexu fir-residenza tax-xhud għal xi għaxart'ijiem. Il-konvenuta kienet tqatta' ħafna ħin rieqda u ma tagħtix każ it-tarbija. Hu kien ħassu ferm inkwetat għal M meta telqu minn għandhom għaliex ħass illi ommu ma kinitx għadha taf tieħu ħsiebu. Isemmi wkoll li l-konvenuta kienet ta' sikwit tgerger miegħu u ma' martu Marisa, li M kien ħarbtilha r-rutina tagħha. Kienet tippretendi li dan it-tifel ser jitgħallem jimxi, jaqta' l-gażaża u jaqta' l-ħrieqi waħdu, mingħajr għajnuna ta' xejn.

Il-**konvenuta** ma tiċħadx li hija tieħu kura psikjatrika, u tatribwixxi dan għall-aġir moralment abbużiv tal-attur fil-konfront tagħha li kien imaqdarha, jgħajjarha u jirredikolaha. *"Illi għalkemm mhux kontestat li l-esponenti tibbenefika minn kura priskjatrika jiġi rilevat li r-raġuni ewlenija tal-kundizzjoni tal-esponenti kienet u għadha l-aġir abbusiv tal-attur żewġha, u dan għax tul iż-żmien li kienu flimkien huwa dejjem ħataf kull opportunita` sabiex jmaqdarha, jirridikolaha u jiddenigraha b'kull mod immaġinabbli, b'dan li tant ddominaha għal tul ta' żmien li hija spiċċat mingħajr il-ħeġġa li tirribatti iżda waqgħet f'depression u bdiet tbagħti minn ansjeta` b'mod li spiċċat biex tbaxxi rasha għal kollox. Kienet proprju għal din ir-raġuni għalfejn l-esponenti kellha tissepara....Illi dan ġie wkoll diversament ikkonfermat mit-tobba psikjatriċi kuranti tal-esponenti li lkoll ħassew li l-kaġun ewlenija għall-kundizzjoni tal-esponenti kien proprju l-aġir ta' żewġha"*[10]

Il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili[11], li jistipula: "***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[12] ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda

[10] Rikors tal-konvenuta tat-30 ta' Novembru 2016, paragrafi 15 u 17, fol. 223, u wkoll fin-nota ta' sottomissjonjiet tagħha, fol. 300

[11] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

[12] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

Fil-każ in eżami, il-Qorti tqis illi l-aġir tal-konvenuta ikkawża sevizzi/moħqrija lill-attur. L-Artikolu 40 appena ċċitat, isemmi l-**moħqrija**, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[13] bħala bażi għas-separazzjoni personali. Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[14]**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi".*

Minkejja li huwa minnu li l-konvenuta kienet afflitta minn mard mentali li għalih kienet tieħu l-kura, hi setgħet għamlet wisq iktar sforz sabiex il-ħajja miżżewġa bejn il-partijiet tirnexxi. M'għandha l-ebda ħtija li hija ġiet afflitta minn dan il-mard għaliex ma kkawżatx hi stess minn jeddha l-mard. Pero` lanqas ma kien sewwa li tuża l-mard tagħha, biex ma terfax il-piżijiet tagħha fiż-żwieġ. Kif hija kienet kapaċi toħroġ mid-dar, kienet tiflaħ allura tagħmel il-faċendi. Kif hija kellha l-kapaċita` li tfittex fuq l-internet dwar it-tattoos, setgħet bl-istess mod timpenja ruħha biex issajjar għall-familja tagħha. Il-Qorti tikkonkorda ma' dak illi qalet il-psikologa tal-konvenuta, li din tal-aħħar ma nqatgħetx mill-bejta ta' ommha u missierha, biex tibni b'suċċess il-bejta tagħha. Hija ma mpenjatx ruħha favur żewġha u binha, u għalkemm il-mard seta kkontribwixxa għan-nuqqas ta' ħeġġa tagħha, ma kienx l-uniku element kontributorju għat-telqa tagħha. M'hemmx dubju li l-piżijiet kollha li ntefgħu fuq l-attur, li ried jassumi d-doveri kollha tad-dar oltre l-impjieg tiegħu, kienu wisq għalih u li dan kien ta' moħqrija fuqu.

Il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-argument tal-konvenuta, li kien l-istess attur li kkaġunalha l-mard mentali tagħha. Din l-akkuża tirriżulta ferm inġusta fil-konfront tal-attur, meta l-konvenuta hija konsapevoli li hija kienet diġa bi problemi mentali qabel ma bdiet tiffrekwenta lill-attur. Kienet diġa tbati mill-*panic attacks* u tieħu l-kalmanti. Inoltre m'huwiex minnu li l-psikjatri kuranti tal-konvenuta ħassew li l-kaġun ewlenija għall-kundizzjoni tagħha kien proprju l-aġir ta' żewġha, u dana għaliex la fix-xhieda tagħha viva-voce u lanqas fiċ-ċertifikati mediċi redatti, Dr. Felice m'għamlet l-inqas aċċenn għal dan. Huwa minnu, allura, dak li jgħid l-attur, li għal kull ħaġa negattiva f'ħajjitha il-konvenuta kienet twaħħal fih.

---

[13] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[14] Vol. XLV C.ii.708

Il-Qorti ssib ferm deplorabbli l-akkużi insostanzjati tal-konvenuta, kif ripetuti mid-difensuri tagħha.

M'hemm l-ebda dubju li l-aġir tal-konvenuta, kif irrakkontat mill-attur u gja rrappurtat f'din is-sentenza, irrenda l-ħajja komuni insapportabbli. Għalhekk, fid-dawl ta' dan il-Qorti tirrileva li m'hemm ebda raġuni għala m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B bi ħtija unika tal-istess intimata li rrendiet ruħha ħatja ta' moħqrija (sevizzi) fil-konfront tal-attur.

## 2. Dwar il-Kura, l-Kustodja u l-Aċċess tal-minuri M B

Miż-żwieġ bejn il-partijiet, nhar is-26 ta' Lulju 2010, twieled il-minuri M B, li għalhekk preżentement għandu seba' snin.

Illi s-sitwazzjoni *pendente lite* ġiet regolata permezz ta' digriet tal-15 ta' Novembru 2013 fejn il-kura u l-kustodja tal-minuri M ġiet fdata esklussivament f'idejn l-attur.[15] Illi f'dak l-istadju, il-Qorti m'akkordatx aċċess versu l-omm iżda stednitha tagħmel rikors għal din il-fini.

L-attur jinsisti li omm il-minuri kienet torqod fit-tul u fil-fond, possibilment anke bħala konsekwenza tal-mediċina psikjatrika li kienet tieħu. Iżda dana kien ipoġġi lill-minuri fil-periklu. In fatti, f'okkażjoni minnhom, il-minuri kien ħareġ mid-dar matrimonjali mingħajr ma l-omm idunat b'xejn. Jirrakkonta wkoll okkażjoni minnhom fejn hija ħalliet pillola minn tagħha mal-art, b'mod li malajr seta' jsibha l-minuri u jipperikola saħħtu. Jinsisti illi l-intimata hija traskurata fejn jidħol il-minuri u ripetutament tinsa l-bieb tal-gallerija miftuħ, mingħajr ebda ħsieb illi l-minuri jista' jweġġa serjament;

Jallega illi martu ma kinitx tieħu ħsieb il-bżonnijiet immedjati tat-tfel bħalma huwa l-ikel, u lanqas il-bżonnijiet relatati mal-iżvilupp tiegħu. Hija ma kinitx issajjar ikel nutrittiv u sustanzjuż għat-tifel iżda tibbaża l-ikliet fuq *fastfood* u *takeaway*.

Jallega li fl-eta tenera ta' tliet snin, hija kienet tippretendi illi t-tifel jitgħallem jitkellem, jiekol u jaqdi l-bżonnijiet tiegħu waħdu mingħajr ebda assistenza. Ma kinitx trid lill-attur jilgħab mat-tifel ħalli dana jidra jilgħab waħdu.

In segwitu għad-digriet mogħti f'Novembru 2013, il-minuri beda jirrisjedi regolarment mal-missier u man-nanniet paterni. Il-minuri beda jagħmel

[15] Kopja legali tal-imsemmi digriet hija esebita fol. 16

progress kbir u ma baqax ikun aġitat u nervuż. Ma baqax jagħmel taħtu, qata l-gażaża u m'għadux jibża daqshekk min-nies.

Illi sakemm ġie rregolat l-aċċess tal-minuri, l-attur kien jieħu lill-minuri fid-dar matrimonjali, fejn baqgħet tgħix l-intimata, f'medja ta' tliet darbiet fil-ġimgħa, sabiex il-minuri iqatta` ftit ħin m'ommu taħt is-superviżjoni ta' missieru. Minkejja dan l-isforz tiegħu, l-intimata ma kinitx tkun ħerqana li tiltaqa' mat-tifel anzi hija kienet issib affarijiet oħra x'tagħmel u kien jispiċċa jilgħab hu mat-tifel xorta waħda. Iżjed tard, l-attur beda jippreferi li l-aċċess mal-minuri jsir barra id-dar, u dana għaliex skont hu, martu kienet toqgħod liebsa mhux xieraq quddiem it-tifel, bil-ħwejjeġ ta' taħt biss. L-aċċess xorta baqa' jsir taħt is-superviżjoni tal-missier u bi buona volonta tiegħu u dana stante illi sal-24 ta' Ġunju 2016, il-konvenuta kienet għadha ma talbitx lill-Qorti sabiex takkorda aċċess favur tagħha. Illi l-attur esebixxa sett ta' ritratti li ttieħdu waqt diversi okkażjonijiet ta' aċċess tal-minuri versu ommu l-konvenuta, fejn il-minuri jidher illi qiegħed jilgħab waħdu waqt illi ommu tħares lejn il-mobile tagħha u lejn is-sigaretti u mhux lejn il-minuri[16].

Illi skond il-konvenuta *"hi ġiet imċaħħda minn binha minħabba l-aġir tal-missier li għamel minn kollox biex jifred lill-esponenti minn mat-tifel. L-esponenti hi addirittura qalbha maqsuma dwar il-fatt li l-attur għamel l-għalmu tiegħu biex iċaħħad lit-tifel minn ma' ommu u li r-relazzjoni ta' bejn omm u iben hi llum suġġetta għar-rieda arbitrarja tal-attur."*[17]

Din hija akkuża oħra serja mill-konvenuta fil-konfront tal-missier, li tirriżulta infondata. Fil-fatt, sakemm il-Qorti akkordat aċċess versu l-omm, il-missier biex ma jisseverax il-kuntatt t'ibnu mal-omm, kien jagħmel l-isforz li jieħdu jaraha u jiltaqa' magħha. Dan l-isforz tal-attur ma tantx kien apprezzat, fl-ewwel lok, għaliex huwa evidenti li l-omm ma kinitx tieħu l-ikbar vantaġġ mill-ħin li tqatta` ma' binha, u fit-tieni lok għaliex waslet li akkużat lill-missier li għamel l-almu tiegħu biex iċaħħadha minnu, meta hi ħalliet sentejn u nofs jgħaddu qabel ma talbet li jkollha aċċess ma' binha!!!

Illi l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li inizjalment il-konvenuta ma kellha ebda interess fit-tifel u fit-trobbija tiegħu. Temmen il-verżjoni tal-attur meta qal li hija laqgħet b'ferħ id-digriet fejn l-attur ingħata l-kura u l-kustodja tat-tifel, għaliex b'hekk hija ħelset mill-ixkiel biex tkompli b'ħajjitha kif xtaqet hi.

---

[16] Fol. 196 et seq u ripetuti fol. 236

[17] Rikors tal-konvenuta tat-30 ta' Novembru 2016, paragrafu 18, fol. 223

Fortunament għall-minuri, l-atteġġjament tal-omm fir-rigward tiegħu, ġie għall-aħjar u f'din l-aħħar sena mar ħafna l-quddiem. Tant li hija talbet, iżjed minn darba, li jkollha aċċess regolat ma' binha u jirriżulta li qed tirrispondi ferm aħjar għall-ħtiġijiet tiegħu.

Inoltre, l-Qorti għandha l-pjaċir tosserva illi anke s-sitwazzjoni psikjatrika tal-konvenuta marret għall-aħjar. Fiċ-ċertifikat iddatat l-14 ta' Ġunju 2016[18], Dr. Ethel Felice tikkonferma illi l-konvenuta ilha pazjenta tagħha għal ħmistax-il sena għal Obsessive Compulsive Neurosis with panic attacks. *"Initially her obsessions together with episodes of depression and anxiety required medications. With medicinal and regular follow-up she was able to cope and maintain a job. At no time where there episodes of psychosis or deliberate self harm. During pregnancy she remained on a low dose of medication to prevent onset of depression. Post partum she had symptoms of obsessions but was able to cope with care of baby with the support of relatives. At no time was the child at any risk. Although there was evidence of marital dysharmony for which they received therapy. Her medications over the years have been reduced and remains stabilised and working full time."*[19]

Il-Qorti kkunsidrat ir-Rapport tal-Avukat tat-Tfal iddatat l-20 ta' Marzu 2017[20] fejn Dr. Sammut Catania uriet il-fehma li l-minuri m'għadux komdu jiltaqa' m'ommu fil-preżenza ta' missieru. In vista tal-allegazzjonijiet tal-missier, li l-omm m'hijiex kapaċi tieħu ħsieb il-minuri weħidha, l-Avukat tat-Tfal irrakkomandant illi jinħatru ħaddiema soċjali sabiex jkellmu lill-partijiet u jaċċedu għar-residenza tal-omm.

Illi l-Qorti, wara li rat l-istess rapport, permezz tad-digriet tagħha tal-21 ta' Marzu 2017[21], akkordat aċċess lill-omm għall-minuri darbtejn fil-ġimgħa għal sagħtejn kull darba, skond il-ġranet u l-ħinijiet li tiffissa l-Aġenzija Appoġġ.

Sussegwentement, fil-21 ta' Lulju 2017, ġie ppreżentat ir-rapport[22] redatt mill-ħaddiema soċjali Charmaine Zerafa fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ. Il-ħaddiema soċjali osservat illi fir-residenza tal-omm kollox deher f'postu u nadif u l-ambjent jidher li huwa addattat għall-minuri. Anki waqt l-aċċess b'superviżjoni l-ambjent dejjem kien wieħed nadif u organizzat. L-aċċess b'superviżjoni kien qed isir darba il-Kitchen Garden Ħ'Attard u

[18] Esebit fol. 184
[19] Dana kollu ġie kkonfermat fix-xiehda mogħtija mill-istess Dr. Ethel Felice fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fl-4 ta' Lulju 216, fol. 211
[20] Fol. 327
[21] Fol. 329
[22] Fol. 332

darba fir-residenza tal-omm ġewwa Birkirkara. Ġie nnutat li l-minuri u ommu għandhom relazzjoni pożittiva li aktar ma jmur qed titjieb. Il-minuri deher komdu ferm ma' ommu speċjalment fir-residenza tagħha fejn jidher kunfidenti. Waqt l-aċċess b'superviżjoni, l-omm ħadet ħsieb sewwa tal-minuri u kienet taf x'inhuma l-bżonnijiet tiegħu u wieġbet għalihom mingħajr il-bżonn ta' interventi mill-ħaddiema soċjali. Il-ħaddiema soċjali osservat ukoll li l-minuri jħossu skomdu meta l-ġenituri jiltaqgħu flimkien anke jekk għal ftit tal-ħin. Hija rrakkomandat illi l-aċċess tal-minuri m'ommu jkompli jsir fir-residenza tagħha mingħajr superviżjoni minħabba li jidher li m'hemm l-ebda riskju għall-minuri. Irrakkomandat li s-siegħat tal-aċċess jiżdiedu sabiex ikun hemm iktar opportunita` li tkompli tinbena relazzjoni bejn l-omm u l-minuri.

Il-Qorti tifraħ meta tara dan il-miljorament fl-atteġġjament tal-omm, għaliex hija ben konsapevoli tal-ġid li jista' joħroġ minn rapport tajjeb bejn l-ulied u kull wieħed mill-ġenituri. Illi inoltre, kif dejjem jingħad f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-interess tal-minuri huwa suprem, u din il-Qorti qatt ma qieset, għajr f'ċirkostanzi eċċezzjonali ta' potenzjal ta' ħsara irreparabbli fuq l-ulied, li tissevera l-kuntatt tal-ulied ma' xi wieħed mill-ġenituri. Inoltre, m'huwiex lok li jingħad illi ladarba l-konvenuta ma wrietx interess fil-minuri fi ċkunitu anzi qisitu ta' xkiel, għandha tkun "ikkastigata" għal dan billi tibqa' ma tarax it-tifel. Dan xejn ma jkun fl-interess tal-minuri li għandu bżonn rapport tajjeb ma' entrambi miż-żewġ ġenituri tiegħu.

Fejn jidħlu l-ulied, il-Qorti ma tqisx il-kwistjonijiet tal-kura u l-kustodja tagħhom bħala premju għal xi ħadd mill-ġenituri. Illi huwa ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża Jennifer B pro.et noe. vs. John B[23] intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruħhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment*;"

Illi fil-kawża fl-ismijiet Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless[24], il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel*

[23] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP
[24] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858;

*caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quei provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*

Illi ngħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet John Cutajar vs. Amelia Cutajar et [25] u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[26] illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."*

Il-Qorti għaldaqstant għandha s-setgħa illi jekk ikun fl-aħjar interess tal-minuri, tafda wieħed biss mill-ġenituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili. Illi kif kellha l-okkażjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. *"Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li żżomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġjurisprudenza kostanti tagħna hawn 'il fuq iċċitata."*[27]

Fil-każ odjern, b'xorti tajba għall-minuri M, missieru baqa' jimpenja ruħu sabiex it-tifel jiltaqa' m'ommu. F'dan l-istadju, l-omm tinsab mentalment aħjar, taf aħjar il-bżonnijiet tal-minuri u r-relazzjoni ta' bejn l-omm u t-tifel qed ikollha riżultati pożittivi (mhux mingħajr mertu wkoll tal-missier).

Illi għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma li l-kura u l-kustodja tal-minuri tibqa' fdata unikament f'idejn l-attur missieru u li l-minuri jibqa' jirrisjedi regolarment ma' missieru. B'dan illi l-missier waħdu jieħu d-deċiżjonijiet ta' edukazzjoni, saħħa, reliġjon u benessere tal-minuri, kemm ordinarji u kif ukoll straordinarji, iżda l-missier huwa obbligat li jinforma lill-konvenuta b'kwalsiasi deċiżjoni straordinarja li jieħu. Il-ħruġ jew t-tiġdid tal-passaport tal-minuri jsir bil-firma taż-żewġ partijiet u l-passaport jinżamm mill-missier.

---

[25] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar 1956;

[26] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 1715/2001/1RCP)

[27] Frances Farrugia vs. Duncan Caruana, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017 (Rikors Ġuramentat 268/11AL), u Marlon Grech vs. Charlene Banks, deċiża fil-15 ta' Ġunju 2017 (Rikors Ġuramentat 218/13AL)

Jirriżulta li l-minuri għandu attivitajiet extra-kurrikulari kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ħamis wara nofs in-nhar u s-Sibt u l-Ħadd fil-għodu. L-omm taħdem kull nhar ta' Tlieta, Erbgħa u Ħamis mis-7.00am sa 12.00pm, nhar ta' Tnejn u Ġimgħa sat-3.00pm u s-Sibt mill-5.30pm sal-10.00pm, filwaqt illi l-Ħadd ma taħdimx.[28]

Illi għalhekk il-Qorti qiegħda takkorda aċċess tal-minuri versu l-omm kull nhar tat-Tlieta fejn hija tiġbor lit-tifel mill-iskola u żżommu magħha sakemm jiġbru l-missier mir-residenza tagħha fis-sebgħa ta' fil-għaxija (7.00pm); kull nhar ta' Sibt minn nofsinhar (12.00pm) sal-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00pm); u nhar ta' Ħadd b'mod alternattiv (ġimgħa iva u ta' wara le) minn nofsinhar (12.00pm) sal-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00pm); Jekk mhux stipulat mod ieħor, l-omm tiġbor lill-minuri mir-residenza tal-missier fil-bidu tal-aċċess u l-missier jiġbor lill-minuri mir-residenza tal-omm fi tmiem l-aċċess. L-aċċess jista' jsir kemm fir-residenza tal-omm u wkoll barra, dejjem f'postijiet adegwati għall-minuri.

## 3. Dwar il-Manteniment għall-Minuri M B

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "***Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi."*** L-artikolu 3B tal-istess Kodiċi jistipula illi: "***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

Għalhekk għab-bażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi, li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi verso l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija ta' l-istess. L-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess: kull wieħed skond il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kodiċi, u l-bżonnijiet ta' l-istess minuri.

Kif jaf kulħadd, meta l-Qorti tiġi biex tistabbilixxi manteniment, m'hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Iżda fl-artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu insibu kif jitqies il-manteniment. Dan l-artikolu jaqra hekk:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***

[28] Rapport tal-Avukat tat-Tfal, fol. 327

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust.***

Fil-każ odjern, jirriżulta li l-attur jaħdem bħala *storekeeper* fid-Dolmen Resort Hotel fuq bażi full-time u għandu introjtu medju nett ta' €1,163.82[29] fix-xahar. Jallega illi l-introjtu tiegħu naqas konsiderevolment lejn l-aħħar tas-sena 2013, meta huwa waqaf mix-xogħol tiegħu part-time sabiex jieħu ħsieb ta' ibnu li tiegħu kien ġie afdat bil-kura u l-kustodja. Fil-fatt, jirriżulta li fl-aħħar erba' xhur tas-sena 2013, huwa kellu introjtu nett medju ta' €1,478.97[30] fix-xahar, u għalhekk mill-2014 kellu tnaqqis ta' ċirka tliet mitt Ewro netti fix-xahar.[31]

Il-konvenuta taħdem bħala *waitress*, ukoll mad-Dolmen Resort Hotel. Fl-2012, l-introjtu nett tagħha kien ta' €3410 u cioe ċirka €284 fix-xahar[32]. Fl-2013, hija qalgħet €3959 nett u cioe ċirka €330 fix-xahar[33]. Fl-2015, l-introjtu tagħha żdiet konsiderevolment u bdiet tipperċepixxa salarju ta' ċirka €1,100 netti kull xahar[34].

---

[29] Dan huwa l-medju tal-introjtu tiegħu fuq erba' xhur minn Jannar 2014 sa April 2014 a bażi tal-payslips esebiti fol. 31 sa 34.

[30] Dan huwa l-medju tal-introjtu tiegħu fuq erba' xhur minn Settembru 2013 sa Diċembru 2013 a bażi tal-payslips esebiti fol. 35 sa 38.

[31] L-introjtu tal-attur huwa kkonfermat ukoll mill-FS3s għas-snin 2013 u 2014 esebiti fol. 92

[32] Kalkoli msejsa fuq l-FS3 għas-sena 2012, fol. 106 u 107

[33] Kalkoli msejsa fuq l-FS3 għas-sena 2013, fol. 108 u 109

[34] Medja tas-salarji għax-xhur ta' Marzu 2015 u Mejju 2015 skont il-payslips esebiti, fol. 101 u 102

Il-partijiet ma jirċevux ebda assistenza soċjali jew benefiċċji soċjali oħra għalihom b'mod regolari. B'effett minn Novembru 2013, ic-Children's allowance dovut għall-minuri M li huwa fl-inċirka ta' €450 kull sena, qiegħed jiġi mgħoddi lill-attur u mhux lill-konvenuta.[35]

*Pendente lite,* il-manteniment huwa regolat mid-digriet li ngħata minn din il-Qorti fil-25 ta' Lulju 2015[36] fejn l-intimata ġiet ordnata tħallas is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat bħala manteniment għall-minuri M, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħa u l-edukazzjoni tiegħu.

Il-Qorti qiegħda preżentement tikkonferma dan id-digriet billi tordna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat bħala manteniment għall-minuri M, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħu u l-edukazzjoni tiegħu. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi l-konvenuta. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenuta hija obbligata li tħallas manteniment għal M sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li iben il-partijiet jibqa' jistudja, fuq bażi *full-time*, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur.

## 4. <u>Dwar id-Dekadenzi Stipulati fl-Artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili u l-manteniment għall-konvenuta</u>

L-attur jitlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' martu id-dekadenzi stipulati fl-artikolu 48 et seq. tal-Kodiċi Ċivili.

Kif diġa ntqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B sfaxxa għal ħtijiet imputabbli lill-konvenuta. It-tortijiet ta' moħqrija imputabbli lill-konvenuta huma komminati fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax jew le d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48. Fil-każ odjern, il-Qorti hija tal-fehma

[35] Xiehda ta' **Saviour Theuma** rappreżentant tad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali, fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fil-5 ta' Mejju 2016, , fol. 166

[36] Fol. 110

li għandha tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 illi jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[37];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

5. **<u>Dwar id-Dar Matrimonjali</u>**

Illi bis-saħħa tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni bejn il-partijiet fl-atti tan-Nutar Dottor Francesca B tat-13 ta' Frar 2017, l-attur akkwista sehem il-konvenuta mid-dar matrimonjali sabiex b'hekk huwa sar propjetarju assolut tal-istess appartament. Bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda tiddikjara illi l-fond bl-indirizz Flat 6, Piccadilli Court, Triq Ċensu Tanti, San Pawl il-Baħar, m'għandux jitqies iktar bħala l-fond matrimonjali tal-partijiet.

Il-Qorti rat in-nota tal-konvenuta tal-25 ta' Jannar 2018 fejn talbet li tirriverti ghal kunjom xbubitha, cioe' Cutajar, u tilqa' din it-talba;

**<u>DEĊIDE</u>**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt illi tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel, it-tieni, id-disgħa u l-ħdax-il talba tal-attur billi dawna ġew minnu ċeduti, qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:
Fl-ewwel lok, tilqa' t-talba tal-konvenuta biex tirriverti ghal kunjom xbubitha ossia Cutajar u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega;

---

[37] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

[1] Tilqa' t-tielet talba attriċi billi tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi B għal raġunijiet imputabbli lill-intimata; Tapplika fil-konfront tal-intimata l-effetti kollha tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;

[2] Tilqa' r-raba' talba attriċi;

[3] Tilqa' l-ħames u s-sitt talbiet attriċi safejn mhux inkompatibbli mas-segwenti u tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri tkun afdata unikament f'idejn l-attur missieru u li l-minuri jibqa' jirrisjedi regolarment ma' missieru. B'dan illi l-missier waħdu jieħu d-deċiżjonijiet ta' edukazzjoni, saħħa, reliġjon u benessere tal-minuri,kemm ordinarji u kif ukoll straordinarji, iżda l-missier huwa obbligat li jinforma lill-konvenuta b'kwalsiasi deċiżjoni straordinarja li jieħu. Il-ħruġ jew it-tiġdid tal-passaport tal-minuri jsir bil-firma taż-żewġ partijiet u l-passaport jinżamm mill-missier. Il-Qorti qiegħda takkorda aċċess tal-minuri versu l-omm kull nhar tat-Tlieta fejn hija tiġbor lit-tifel mill-iskola u żżommu magħha sakemm jiġbru l-missier mir-residenza tagħha fis-sebgħa ta' fil-għaxija (7.00pm); kull nhar ta' Sibt minn nofsinhar (12.00pm) sal-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00pm); u nhar ta' Ħadd b'mod alternattiv (ġimgħa iva u ta' wara le) minn nofsinhar (12.00pm) sal-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00pm); Jekk mhux stipulat mod ieħor, l-omm tiġbor lill-minuri mir-residenza tal-missier fil-bidu tal-aċċess u l-missier jiġbor lill-minuri mir-residenza tal-omm fi tmiem l-aċċess. L-aċċess jista' jsir kemm fir-residenza tal-omm u wkoll barra, dejjem f'postijiet adegwati għall-minuri.

[4] Tilqa' s-seba' talba attriċi safejn mhux inkompatibbli mas-segwenti u tordna lill-konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat bħala manteniment għall-minuri M, oltre nofs l-ispejjeż għas-saħħu u l-edukazzjoni tiegħu. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li tista' tipperċepixxi l-konvenuta. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenuta hija obbligata li tħallas manteniment għal M sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Iżda fl-eventwalita` li iben il-partijiet jibqa' jistudja, fuq bażi *full-time*, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluż *children's allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attur.

[5] Tilqa' t-tmien, l-għaxar u t-tnax it-talba attriċi;

Bl-ispejjeż jiġu sopporti mill-konvenuta.